# GIUSEPPE CALÌ U BORMLA

Kitba ta' EMMANUEL FIORENTINO

***Billi din is-sena jaħbat il-mija u ħamsin anniversarju mit-twelid tal-pittur ċelebri Malti Giuseppe Calì (1846–1930), huwa xieraq li nagħtu ħarsa ħafifa lejn il-konnessjoni li kellu ma' Bormla. Niftiehmu sew, mhux għax kienet xi konnessjoni unika jew speċjali meta tqies li tista' tgħid li kull belt u raħal f'Malta huma kburin b'xi xogħol li Calì ħalla fihom, speċjalment fil-knejjes. Mill-banda l-oħra nistgħu ngħidu b'wiċċna minn quddiem li fil-knisja parrokkjali ta' Bormla għadna nsibu x'uħud mill-aqwa xogħlijiet li ħarġu mill-pinzell ta' dan l-artist kbir.***



*Monument proġettat li għandu jsir lil Giuseppe Calì fil-Belt, xogħol l-iskultur Ċensu Apap.*

Niġu mill-ewwel għas-suġġett tagħna hawnhekk. Il-kontribut ta' Calì f'Bormla jista' jinqasam f'żewġ perijodi – il-proġett li wettaq fl-1884 għad-dekorazzjoni ġenerali tal-knisja, u xogħol ieħor, speċjalment fil-kappella tal-Kurċifiss, li sar fl-ewwel snin ta' dan is-seklu.

**XOGħOL FIL-KOPPLA**

Nibdew bl-ewwel fażi. Fis-27 ta' Novembru 1884 inkixfet il-koppla, il-pennakki (jew kif isibuhom x'uħud, il-lunetti) ta' taħtha u s-saqaf tal-knisja. Il-koppla kienet turi **'Is-Seba' Virtujiet'**, iżda sfortunatament dan iċ-ċiklu pittoriku ma għadux jeżisti għax għall-ħabta ta' l-1929 ġie mibdul b'pittura oħra ta' Virgilio Monti. Għad ma nexxilix niltaqa' ma' xi ritratt li juri kif kienet eżattament id-dekorazzjoni ta' Calì, għalkemm hemm deskrizzjoni sabiħa tagħha fil-gazzetta *Malta* tad-29 ta' Novembru 1884. Probabbilment kienet tixbah xi ftit jew wisq id-dekorazzjoni tal-koppla tal-knisja parrokkjali ta' Ħal Balzan li saret iżda xi snin wara, jiġifieri fl-1894.

Mhux biss il-pittura tal-koppla m'għadhiex teżisti, iżda ankè dik tas-saqaf tal-kor li kienet turi **'Il-waqgħa ta' Satana'**, kif ukoll tal-kappelluni, li flokhom saret il-pittura ta' Monti. Ta' min jiċċara iżda illi **'It-Trijonf tad-Dutturi tal-Knisja'** li kien fis-saqaf ta' wieħed mill-kappelluni ġie trasferit fl-1931 fl-Awla Kapitulari fejn għadu hemm sallum. Dwar 'Il-waqgħa ta' Satana' jgħidu li tneħħiet għax kienet eżatt bi dritt fejn iħares is-saċerdot waqt l-Elevazzjoni fil-quddiesa (ma ninsewx li dak iż-żmien is-saċerdot kien ikun b'dahru lejn in-nies u jħares lejn il-kor). Ma nafx kemm din l-aneddota hija minnha jew le.

Iżda għalkemm parti mix-xogħol ta' Calì f'Bormla ntilef, żgur li fl-erba' figuri kolossali ta' taħt il-koppla, jiġifieri **David, Mosè, Eżekjel u Iżaija**, għad għandna fost l-aqwa eżemplari ta' dan l-artist. Jiena konvint minn dan. Għall-pubblikazzjoni dwar Calì li ħarġet fl-1991 kelli ndur tista' tgħid kull knisja fil-gżejjer Maltin li tiegħu hemm xi xogħlijiet, iżda l-qawwa stupenda li fihom dawn il-figuri tista' tgħid ma sibtha mkien iżjed. Calì kien tabilħaqq fl-aqwa tiegħu fil-perijodu li ħadimhom.

**TRIJONF GĦALL-ARTIST**

Kull ma nixtieq inżid dwar din il-fażi ta' Calì f'Bormla hu li nsemmi r-reazzjoni ferm pożittiva ta' kull min kien preżenti għall-inawgurazzjoni. Kien verament trijonf għall-artist. Saħansitra jingħad li l-ammiraturi tiegħu ħaduh fuq l-ispallejn minn Bormla għad-dar ta' ħuh Lorenzo fi Triq Irlandese (illum Wenzu Dyer), fil-Birgu.

Snin wara, għall-ħabta tal-1900, il-knisja ta' Bormla żdidulha pitturi oħra minn Calì. Fil-kappella tas-Sagrament insibu żewġ lunetti li juru **'Il-miraklu tal-ħobż u l-ħutiet'** u **'Kristu mas-Sammaritana'**, waqt li fil-



*Parti mis-saqaf tal-kursija fil-parroċċa ta' Bormla impittra minn Giuseppe Calì.*

kappella tal-Kurċifiss pinġa erba' episodji mit-tfulija ta' Kristu fil-koppla, erba' anġli fil-pennakki, waqt li kien ħejja wkoll buzzetti għal tnejn mill-arzelli tal-kappella. Dawn il-buzzetti li juru **'Kristu fil-Ġetsemani'** u **'Kristu qed jiġi mneżża fuq il-Kalvarju'** għadek tista' tarahom fis-sagristija ż-żgħira tal-parroċċa. Il-pittura fl-arzelli kif narawha llum saret ferm wara minn Rafel Bonnici Calì, in-neputi ta' Lorenzo Calì, ħu Giuseppe, li mexa fuq dawn il-buzzetti.

**ĦTIEĠA TA' RESTAWR**

L-istess Bonnici Calì kien irrestawra fl-1963 il-pittura tal-koppla, iżda minn dak iż-żmien 'l hawn reġgħet bdiet tidher ħsara konsiderevoli fiha, tort probabbilment tal-kwalità ħażina tal-ġebla li fuqha kienet saret il-pittura. Inħoss li jekk irridu li l-ħsara ma tkomplix tikber, il-ħtieġa ta' restawr u miżuri adekwati huma urġenti.

L-erba' flieli ta' din il-koppla, skond *Malta Tagħna* tal-5 ta' Diċembru 1901, kienu tħallsu minn Natal u Marija Azzopardi **(It-Twelid ta' Kristu)**, Vinċenza Agius Caruana u n-Nobbli Ursola Depiro d'Amico **(L-Adorazzjoni tal-Maġi)**, Il-Prokuratur Legali Giuseppe Camilleri **(Il-Ħarba lejn l-Eġittu)** u Antonia Paris **(Kristu mad-Dutturi fit-Tempju)**.

Ta' min iżid hawn li ta' l-istess perijodu aktarx huwa **'Il-Qalb ta' Ġesù'**, pittura ovali li tinsab fis-sagristija. F'dan ix-xogħol jispikka s-sens ta' ħlewwa pittorika li tikkaratterizza l-arti ta' Calì f'dak il-perijodu.

Biex inkunu għidna kważi kollox, fl-1925, meta l-artist kien qed joqrob it-tmenin sena, kien beda x-xogħol fuq kwadru kbir għal wieħed mill-artali tal-kappella tal-Kurċifiss. Iżda t-toqol taż-żmien kien qed jagħmel tiegħu, b'konsegwenza li l-kwadru li bħala suġġett juri **'Il-Qalb ta' Ġesù u l-erwieħ tal-Purgatorju'**, tkompla mit-tifel ta' Giuseppe, Ramiro Calì, li ħareġ l-uniku iben ta' l-artist li qabad il-linja ta' missieru. Huwa interessanti fil-fatt li tinnota li dan il-kwadru, li għadu fil-post li għalih sar, huwa ffirmat 'G + R Calì'. Nistgħu għalhekk inqisuh bħala l-aħħar kontribut li ħalla Giuseppe Calì biex tissebbaħ il-parroċċa ta' Bormla.



*DAVID, wieħed mill-erba' figuri kolossali ta' taħt il-koppla.*

MONTALTO JEWELLERY

26, St. Theresa Street,
Cospicua.

TEL: 661282